**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**
**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 732/2019**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Roxanne Tabone)**

**-Vs-**

**ANTOINE BUGEJA**

**Illum, 12 ta' Mejju 2022**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **ANTOINE BUGEJA** ta' 37 sena, imwieled Pieta nhar it-3 ta' April 1982, iben Francis u Angela xebba Aquilina, residenti Flat 4 Veccia Point, Triq San Pawl il-Bahar Xemxija, detentur tal-karta tal-identita` numru 0196182M tressaq quddiemha akkużat talli nhar it-23 ta' Awwissu 2019 u fil-ġranet ta' qabel ġewwa l-Arjuport Internazzjonali u wkoll f'dawn il-Gżejjer:-

1) Ostakola d-dhul ghal xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appogg

2) Uza l-kodici ta' dhul, password, isem l-utent, indirizz postali elettroniku jew xi mezz iehor ta' dhul jew informazzjoni ta' identifikazzjoni ta' xi persuna ohra f'kompjuter jew b'xi mod tikser kwalunkwe mizura ta' sigurta` sabiex jakkwista access minghajr awtorizzazzjoni ghas-sistema tal-informatika kollha jew parti minnha.

   Il-Qorti giet ukoll gentilment mitluba sabiex f'kull kaz ta' htija tikkudanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

   Il-Qorti giet ukoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija, minbarra l-piena applikabbli, tapplika l-artiklu 383 tal-Kodici Kriminali ghall-harsien u protezzjoni tal-persuna allegatament vittma f'dan il-kaz.

Il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għall-ħlas tal-ispejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens moghti mill-Avukat Generali fid-9 ta' Diċembru 2019 sabiex dan il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja;

Semghet lill-Uffiċjali Prosekutur jaqra u jikkonferma l-akkużi bil-ġurament[1];

Semgħet lill-imputat waqt l-ezami iwiegeb li mhux ħati;

Semgħet ix-xhieda u rat il-provi u d-dokumenti kollha;

[1] Seduta tat-18 ta' Frar 2020.

Rat l-atti kollha;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-parti leża, ippreżentata fl-atti fil-25 ta' Novembru 2021 u rat ukoll in-nota ta' sottomissjonijiet tad-difiża ppreżentata fil-31 ta' Diċembru 2021;

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni, tal-parti leża u tad-difiża waqt l-udjenza tas-27 ta' April 2022;

Rat illi l-kawża kienet differita għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

L-imputat jinsab mixli b'żewġ reati taħt l-Artiklu 337Ċ tal-Kodiċi Kriminali.

It-teżi tal-Prosekuzzjoni hi li fit-23 ta' Awwissu 2019 u fil-ġranet ta' qabel, l-imputat, bl-użu tat-telefon ċellulari ta' martu, il-parti leża, kiseb aċċess għall-posta elettronika ta' martu kif ukoll daħal fl-account tagħha fuq Facebook fejn hemmhekk, huwa qara messaġġi li kienu għadhom ma nqrawx minnha, ħassar messaġġi li ntbagħtu lilha permezz tal-posta elettronika, kif ukoll ostakola l-aċċess tagħha għad-data tagħha stess billi biddel il-kodiċi ta' dħul f'dawn l-imsemmija sistemi ta' informatika. Il-Prosekuzzjoni ssostni li l-imputat kiseb dan l-aċċess u daħal fis-sistemi reġistrati f'isimha mingħajr l-awtorizzazzjoni ta' martu u dan kollu bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 337Ċ(1)(d) u (i) tal-Kap. 9. Tajjeb li jiġi senjalat li l-partijiet huma miżżewġin u dak iż-żmien kienu għaddejjin minn proċeduri ta' separazzjoni personali.

**Chantelle Bugeja, il-parti leża**, xehdet[2] illi xaharejn qabel ġara l-każ, l-imputat kien telaq mid-dar matrimonjali u kien mar jgħix ix-Xemxija f'appartament ta' ħuha b'mod temporanju. Dak iż-żmien hija kienet silfitu t-telefon ċellulari antik li kellha għaliex

[2] Xhieda tat-18 ta' Frar 2020.

kien talabulha biex ikollu mezz biex jikkomunika mat-tfal tagħhom waqt li kien ser ikun imsiefer, u dan peress li t-telefon tiegħu kien bil-ħsara. Fl-20 ta' Awwissu 2019 hija bdiet tara li kien hemm messaġġi fuq Facebook li ma kienetx għadha fetħithom, li kienu qed jimmarkaw bħala li kienu diġa' moqrijin, iżda għall-bidu ma kienetx ħasbet ħażin. Fit-23 ta' Awwissu 2019 imbagħad, meta daħlet fir-"*recent emails*"[3], intebħet li kien intbagħat e-mail lill-kont tagħha tal-*Gmail*, li l-password tagħha biex tidħol fuq Facebook kien inbidel. Iżda meta daħlet fl-account tagħha tal-*Gmail*, sabet li d-"*deleted items*" kienu wkoll tħassru kollha mit-*trash bin* - ħaġa li hija qalet li qatt ma għamlet - u b'hekk irrejalizzat li xi ħadd kien daħal fil-kont tagħha fejn kienu inbidlu wkoll is-*settings* biex il-messaġġ li jintbagħat dwar tibdil ta' password, jintbagħat lil telefon ieħor li mhux tagħha. Xehdet ukoll li effettivament, kien inbidel il-password mhux biss tal-kont tagħha tal-*Gmail* iżda wkoll tal-Facebook u ma setgħetx terġa' tibdlu hija stess għaliex il-password l-antik kien inbidel minn xi ħaddieħor u ma kienx għadu l-istess wieħed. Dak il-ħin għamlet rapport fl-Għassa tal-Pulizija kif ukoll mas-Cyber Crime Unit li da parti tagħhom waqqfu temporanjament kull aċċess għal dawn il-kontijiet.

Chantelle Bugeja xehdet ukoll li sussegwentement, l-imputat beda jheddidha li ser juża l-informazzjoni li kien kiseb bid-dħul fil-kontijiet tagħha, biex iwaqqa' l-ftehim li kienu laħqu bejniethom dwar is-separazzjoni personali u talabha s-somma ulterjuri ta' €20,000 b'żieda fuq dak li kienu diġa' qablu dwarha. Ikkonfermat illi l-għada ltaqgħu hi u ħuha Christian Borg mal-imputat, fejn hemmhekk hu reġa' heddidha bl-informazzjoni li kien kiseb mill-kont tagħha fuq Facebook u qalilha li jekk ma ttihx dak li kien qed jitlob fis-separazzjoni, ser jippubblika dawn ic-*chats* personali u privati tagħha, liema *chats* hi ma kienx għad kellha aċċess għalihom.

**WPC Sabrina Friggieri** xehdet[4] illi fit-23 ta' Awwissu 2019 ġiet tirrapporta Chantelle Bugeja ġewwa l-Għassa tal-Pulizija fl-Arjuport Internazzjonali li kienet innutat li xi messaġġi fuq Facebook kienu qed jimmarkaw li kienu nqraw għalkemm

[3] Dok. SF1. Ara wkoll fol. 62.
[4] Xhieda tal-15 ta' Ottubru 2020.

hi ma kienetx għadha fetħithom. Irrapportat ukoll li pprovat diversi drabi tibdel il-password tal-kont tagħha fuq Facebook mingħajr suċċess u nnotat ukoll li kien hemm xi ħadd mhux magħruf li kien qed jidħol f'dan l-account. Ix-xhud xehdet ukoll li Chantelle Bugeja rrapportat li meta daħlet fil-kont tagħha tal-*Gmail*, ċioe' chantelleborg@gmail.com, innotat li kien hemm *email* partikolari datat 19 ta' Awwissu 2019 fil-ħin tal-23:38h li kien juri li l-password tal-kont tagħha fuq Facebook kien ġie mibdul wara aċċess għal dan il-kont inkiseb minn device Iphone[5], liema *e-mail*, madanakollu, kien ġie mħassar anke mit-*trash bin*. Irrapportat ukoll iktar tard dakinhar li meta ppruvat tibdel il-password tal-kont tagħha tal-*Gmail*, sabet li ma kellhiex aċċess għal żmien erbgħa u għoxrin siegħa għaliex dawn il-passwords kienu qed jiġu emendati minn mobile tad-ditta Samsung Galaxy J5 (2016)[6] li mhux tagħha, filwaqt li hija għandha mobile tad-ditta Iphone 8 Plus. Il-kwerelanti għadditilha kopja tal-*login sessions* fejn jidher l-*email* bil-password *reset* li ntbagħat fid-19 ta' Awwissu 2019 (Dok. SF1).

**PS1275 Matthew Sacco** stazzjonat Cyber Crime Unit, xehed[7] illi fuq ir-rapport li għamlet Chantelle Bugeja, huwa intalab jagħti assistenza fir-rigward ta' allegat aċċess mingħajr awtorizzazzjoni fil-kontijiet tagħha tal-*Gmail* u Facebook. Huwa talab informazzjoni mingħand Facebook u Google dwar l-IP addresses li intużaw biex inkiseb aċċess mhux awtorizzat għall-profil tal-vittma fuq Facebook: filwaqt li mingħand Google ma rċeviex l-informazzjoni mitluba, mingħand Facebook huwa personalment irċieva l-informazzjoni dwar l-IP *addresses* ċioe' l-*internet connection* minn fejn inkiseb aċċess għall-Facebook account ta' Chantelle Bugeja[8]. Mill-verifiki li għamel mas-*service providers* u mill-informazzjoni li huwa personalment talab u rċieva mingħandhom, ix-xhud ikkonferma illi l-IP *addresses* in kwistjoni kienu qed jużaw is-servizzi ta' Vodafone u Melita. Melita plc tawh l-indirizzi ta' żewġ *internet connections* li minnhom sar l-aċċess għall-Facebook account ta' Chantelle Bugeja[9]:

---

[5] Dok. SF2, "iPhone.San Giljan.Malta" – datat 23.8.2019 – *tergo*.
[6] Ara fol. 66.
[7] Xhieda tal-15 ta' Ottubru 2020.

[8] Ara "Facebook business record" – fol. 84 sa 87.
[9] Mill-provi jirriżulta illi l-Facebook URL tal-parti leża huwa https://facebook.com/chantelleborg17: (fol. 57).

indirizz tal-IP 213.217.192.42 li huwa reġistrat f'isem Antoine Bugeja detentur tal-karta tal-identita' numru 196182M, Jasmine Heights, Triq Dun Nerik Mahoney, Qrendi u indirizz tal-IP 148.8.27.195 li huwa reġistrat f'isem Darren Grech, detentur tal-karta tal-identita' numru 336193M, Sapphire Court, 47, Triq San Franġisk, San Pawl il-Baħar[10].

In kontro-eżami, ix-xhud qal illi ma ġiex mitlub biex janalizza devices jew apparat elettroniku, iżda biex jistabbilixxi minn liema *internet connection* inkiseb l-aċċess mhux awtorizzat għall-kontijiet tal-vittma u għalhekk, m'huwiex f'pożizzjoni jistabbilixxi minn liema apparat twettaq l-allegat reat u lanqas jidentifika l-persuna li attwalment użat l-*internet connection* biex kisbet dan l-aċċess. Madanakollu, huwa identifika l-persuna li f'isimha jinsabu reġistrati l-*internet connections* li ntużaw biex sar l-aċċess mhux awtorizzat u dawn il-persuni kienu Darren Grech u Anthony Bugeja. Huwa ma marx fuq il-post fejn kienu reġistrati dawn l-*internet connections* u għalhekk ma setax jgħid jekk il-connections humiex *password-protected.* Ix-xhud afferma wkoll li persuna jista' jikseb aċċess mhux awtorizzat sija jekk ikun jaf il-password u sija jekk ma jkunx jafu għaliex illum il-ġurnata anke persuna li mhux teknika tista' minn fuq l-internet tikseb l-informazzjoni teknika li jeħtieġ u biex jinkseb aċċess għall-internet kull ma jinħtieġ hu modem, kuntratt ma' *internet service provider* u mobile jew laptop device. Eskluda li kien hemm xi xorta ta' manipulazzjoni tal-IP addresses li ngħatawlu minn Facebook għaliex kieku s-*service providers* kienu jgħarrfuh b'dan.

**Elena Curmi Cassar** xehdet[11] illi fis-sajf tas-sena 2019, ħuha William, li huwa qrib ħafna tal-imputat Antoine Bugeja, kien qalilha li huwa ra l-messaġġi fuq Facebook fejn hi kienet bagħtet lil Chantelle fuq Facebook messenger in-numru ta' xi perit u kienet qed tgħinha bħala ħabiba fil-problemi taż-żwieġ tagħha. Ħuha kien qalilha biex

---

[10] Il-korrettezza ta' din l-informazzjoni ġiet affermata minn Dr. Emily Abela in rappreżentanza ta' Melita Limited – xhieda tal-25 ta' Frar 2021.

[11] Xhieda tat-30 ta' Novembru 2020.

ma tindaħalx fiż-żwieġ ta' ħaddieħor. Sussegwentement, hija ċemplet lil Chantelle u staqsietha jekk tafx li l-imputat kien qed jaralha l-mobile u biex tneħħih, fejn Chantelle qaltilha li kienet irrapportat il-każ lill-Pulizija. Ix-xhud ikkonfermat li hija qatt ma rat dawn il-messaġġi li semmilha ħuha.

**William Cassar Curmi** xehed illi huwa ilu jaf lill-imputat xi tmintax-il sena u jaf ukoll lil martu Chantelle għaliex kienu jmorru l-garaxx fejn jaħdem u jaf li kellhom problemi fiż-żwieġ tagħhom għaliex kienet tgħidlu oħtu Elena. Hu qal li qatt ma kien juri lil Antoine li kien jaf b'dawn il-problemi personali tiegħu iżda kkonferma li l-imputat kien ikellmu, ġie li wkoll kien iċempillu, meta kien ikollu xi problema fuq il-familja[12]. Ix-xhud qal li huwa kien ikkonfrontah b'dak li kienet qaltlu oħtu dwar l-argumenti li kien qed ikollu fiż-żwieġ tiegħu ma' Chantelle u l-imputat kien ikkonferma dan. Ix-xhud iżda, ċaħad li l-imputat kien qallu xi ħaġa fuq oħtu Elena u ċaħad ukoll meta ġie mistoqsi mill-Qorti, li Antoine Bugeja qallu xi ħaġa jew fetaħ qalbu miegħu fuq iż-żwieġ u l-problemi ma' Chantelle[13], għalkemm ikkonferma fl-istess nifs li huma kienu jitkellmu dwar iż-żwieġ u dwar il-familja iżda mhux fuq problemi u kkonferma wkoll li lil oħtu kien qalilha biex ma tindaħalx fil-problemi ta' bejn Antoine u martu. Ċaħad ukoll li l-imputat kien urieh jew qallu b'messaġġi li oħtu Elena kienet bagħtet lil Chantelle, u insista li kienet oħtu stess li qaltlu li kienet tibgħat messaġġi lil Chantelle. Insista wkoll li oħtu gibdet meta xehdet li huwa kellimha dwar messaġġi li kienet bagħtet lil Chantelle.

William Cassar Curmi sostna fix-xhieda tiegħu li ma kienx l-imputat li kien qallu bil-messaġġi li bagħtet oħtu u lanqas biss iddiskuta miegħu dawn l-affarijiet għalkemm afferma li kien qal lil oħtu biex ma tindaħalx bejn il-miżżewġin. Insista li qatt ma tkellem mal-imputat fuq messaġġi u dak li jaf, jafu mingħand oħtu stess għaliex dejjem kienet tgħidu x'tiddiskuti ma' Chantelle.

---

[12] Xhieda tat-30 ta' Novembru 2020, fol. 125.
[13] Fol. 128.

Iżda wara li ġie konfrontat bix-xhieda ta' oħtu Elena Cassar Curmi, William Cassar Curmi ikkonferma illi xi xaharejn qabel, l-imputat kien qallu li oħtu Elena kienet bagħtet messaġġ bin-numru tat-telefon ta' xi perit lil Chantelle - xi perit li kien ħadmilha d-dar - iżda ma kienx staqsa lill-imputat kif jaf b'dan il-messaġġ. Qal li jista' jkun li oħtu wkoll qaltlu b'xi messaġġi bejnha u bejn Chantelle. Ix-xhud qal ukoll li qabel l-imputat kien ċempillu dwar dan il-messaġġ, huwa kien ilu ma jarah xi sena jew sentejn u ma kienx jaf li l-imputat kien qed jissepara iżda kien ċempillu darba meta oħtu kienet qaltlu bil-problemi fiż-żwieġ li kien għaddej minnhom. Insista wkoll li l-imputat kien iċempillu mhux imur il-garaxx.

William Curmi Cassar xehed ukoll li meta kien ċempel lill-imputat meta rċieva t-taħrika tax-xhieda f'din il-kawża, l-imputat tah x'jifhem li dan il-messaġġ bin-numru tal-perit kien intbagħat fil-passat. Qal ukoll li meta semmilu li oħtu tat isem ta' perit lil Chantelle, l-imputat qallu li jaf bih dak il-messaġġ iżda hu ma kienx staqsih kif kien jaf bih.

**Alfred Grech** xehed li huwa għandu villeġġjatura ġewwa 16, Sapphire Flats, Triq San Franġisk, San Pawl il-Baħar u din hija residenza tas-sajf tal-familja u jużawha hu u l-mara u t-tifel tiegħu Darren Grech.

**Darren Grech** xehed[14] li huwa jaf lill-imputat għaliex huwa klijent tar-restaurant fejn jaħdem l-istess imputat u huwa wkoll ħabib tiegħu u kkonferma li bejn Lulju u Settembru tas-sena 2019 l-imputat mar għandu darbetejn fir-residenza fejn kien qed joqgħod dak iż-żmien flimkien ma' ommu u missieru ġewwa 16, Sapphire Court, Triq San Franġisk, San Pawl il-Baħar. Ix-xhud qal li f'dak l-indirizz għandu *internet connection* normali u f'waħda mill-okkażjonijiet meta l-imputat kien għandu, huwa kien dam siegħa jew sagħtejn u jista' jkun li l-imputat talbu l-password tal-internet connection biex jaqbad bil-mobile u jekk talabulu huwa jkun tahulu. Qal ukoll li l-imputat dak il-ħin kellu l-mobile f'idejh u kien qed jużah. Ix-xhud ikkonferma li l-

[14] Xhieda tal-15 ta' Ottubru 2020 u xhieda tat-12 ta' Mejju 2021.

imputat kien mar għandu wkoll f'okkażjoni oħra xi gimgħat jew xhur wara u fiż-żewġ okkażjonijiet, l-imputat kien mar għandu filgħaxija wara x-xogħol.

**L-imputat Antoine Bugeja** ma xehedx quddiem il-Qorti u minkejja li kien assistit mill-avukat tiegħu waqt li kien qed jiġi interrogat mill-Pulizija fis-26 ta' Novembru 2019, għażel li ma jwieġeb għal ebda domanda li saritlu. Huwa stqarr biss li waqt li uliedu minuri kienu miegħu id-dar, urewh ritratt moqżiez fuq it-telefon ċellulari li kienet tatulhom ommhom stess, il-parti leża, biex jużawh waqt li jkunu għandu għall-aċċess, u huwa ħass li kellu jieħu dan il-mobile mingħandhom[15].

Ikkunsidrat;

Id-dispożizzjonijiet legali tal-Artikoli 337B *et sequitur* tal-Kodiċi Kriminali u l-introduzzjoni fil-Kodiċi tar-reati relatati mal-użu mhux dovut tal-*computer*, huma maħsuba biex jikkriminalizzaw dħul mhux awtorizzat ta' sistemi ta' *computer*.

Blackstone[16] jgħid hekk dwar l-elementi essenzjali tar-reat analogu ta' "*unauthorised access offence (hacking)*" fl-ewwel artikolu tal-Computer Misuse Act (UK) 1990:-

*"The actus reus of the offence requires the accused to 'cause a computer to perform any function'. This is meant to exclude mere physical contact with a computer and the scrutiny of data without any interaction with a computer (thus the reading of confidential computer output, the reading of data displayed on the screen, or 'computer eavesdropping', are not covered). On the other hand there is no requirement that the accused should succeed in obtaining access to the program or data, or be successful in subverting computer security measures in place. A remote hacker would, thus, 'cause a computer to perform any function' if he accessed it remotely and the computer responded, for example, by activating a computer security*

[15] Ara stqarrija ta' Antoine Bugeja, fol. 5 *et seq*.

[16] Blackstone's Criminal Practice, 2012 Ed. The Right Honourable Lord Justice Hooper David Ormerod. B17.2, p. 905.

*device or by offering a log-on menu. The substantive offence is thus drafted in such a way as to include conduct which might usually be thought to fall within the scope of the law of attempt". ... The words 'any computer' in s. 1(1)(a) entail that the offence is not restricted to a case where the accused uses one computer to gain unauthorised access to the target computer. Direct access to the target computer is also covered (see A-G's Ref (No. 1 of 1991) [1993] QB 94 and Bow Street Metropolitan Stipendiary Magistrate, ex parte Government of the United States [2000] 1 Cr App R 61, per Lord Hobhouse at p. 72).*

...

*The access to the program or data which the accused intends to secure must be 'unauthorised' access (s. 1(1)(b)).*

...

*There are two limbs to the mens rea of the offence. The first limb is the 'intent to secure access to any program or data held in any computer'. The word 'any' makes it clear that the intent need not relate to the computer which the accused is at that time operating. The Computer Misuse Act 1990, s. 1(2), explains that the intent of the accused need not be directed at any particular program or data, so as to include the hacker who accesses a computer without any clear idea of what he will find there. Recklessness is insufficient; still less would careless or inattentive accessing of the computer suffice for liability. The second limb is that the accused must know at the time when he causes the computer to perform the function that the access which he intends to secure is unauthorised. The prosecution must prove both limbs.*"

Blackstone huwa wkoll tal-fehma illi l-awtorizzazzjoni tal-aċċess għal skop partikolari li huwa leġittimu ma għandhiex titqies bħala awtorizzazzjoni wkoll biex jinkiseb aċċess għal data oħra f'liema każ is-soġġett attiv ikun eċċeda l-limiti tal-awtorizzazzjoni mogħtija u jkun ħati tar-reat ta' *computer misuse*[17]. Mill-perspettiva l-oħra iżda, l-użu ħażin ta' data miksuba b'riżultat ta' aċċess leġittimament miksub, ma jaqax fl-iskop tar-reati tal-użu mhux dovut ta' *computer* għalkemm dan jista'

[17] Blackstone: *"... authorising a person's access for one (legitimate) purpose ought not to be regarded as authorising his access for another (non-legitimate) purpose..."* -B17.5, p. 906.

jikkostitwixxi ksur taħt liġijiet oħrajn, fosthom il-liġi dwar il-protezzjoni u privatezza tad-data[18].

Mill-provi jirriżulta illi t-telefon ċellulari tal-kwerelanti, Chantelle Bugeja, kien jinsab fil-pussess tal-imputat. Dan hu mistqarr mill-imputat innifsu[19]. Huwa immaterjali għall-fini tar-reati li qed jiġi akkużat bihom l-imputat, kif dan l-apparat effettivament spiċċa għand l-imputat u jekk dan hux dovut għall-fatt li kienet il-kwerelanti li silfitlu l-apparat temporanjament fuq talba tiegħu jew għaliex dan it-telefon ċellulari hija tatu lil uliedhom u l-imputat ħadu mingħandhom għal raġuni jew oħra[20]. Dak li hu relevanti huwa l-allegat użu li l-imputat seta' għamel b'dan l-apparat u t-teżi tal-Prosekuzzjoni fir-rigward hi li l-imputat permezz tal-użu ta' dan il-mobile jew ta' apparat elettroniku ieħor li jħaddem software, akkwista mingħajr awtorizzazzjoni ta' martu Chantelle Bugeja, aċċess għas-sistema ta' informatika tagħha billi uża informazzjoni ta' identifikazzjoni u wkoll ostakola d-dħul tagħha għad-data tagħha stess.

Fir-rigward, jiġi osservat li d-definizzjoni ta' *computer* għall-fini tar-reat ta' użu mhux dovut ta' *computer* tħaddan fiha mhux biss *computer* fis-sens klassiku ta' *hardware* konsistenti f'*desktop* jew *laptop,* iżda wkoll kull apparat elettroniku li jwettaq funzjonijiet ta' loġika, aritmetika u memorja billi jimmanipola impulsi elettroniċi jew manjetiċi, u iktar sinjikanti minn hekk, tinkludi kull *input*, *output,* proċessar, ħżin, *software* u faċilitajiet ta' komunikazzjoni li huma konnessi jew relatati ma' *computer* f'sistema ta' *computer* jew *computer network.* Dan ifisser illi apparat bħalma huwa telefon ċellulari li jħaddem *software* ta' komunikazzjoni, jaħżen u jipproċessa data u jintuża biex jinkiseb aċċess għal din id-data, jiffigura fid-definizzjoni ta' *computer* u l-użu mhux dovut ta' *mobile device* bħal dan, jekk ippruvat, jikkostitwixxi reat taħt l-Artikolu 337Ċ tal-Kap. 9.

---

[18] Kap. 586.
[19] Ara stqarrija tal-imputat, paġna 3 (fol. 7).

[20] Verżjoni tal-imputat fl-istqarrija tiegħu.

Chantelle Bugeja xehdet illi hija nnotat li xi ħadd kien kiseb aċċess għall-profil tagħha fuq Facebook u dan għaliex kien hemm messaġġi li ma kienetx għadha qrathom iżda kienu moqrijin. Meta daħlet fil-*login sessions*, hija rat li l-aċċess għal dan il-profil kien inkiseb ukoll minn mobile device li ma kienx tagħha (iPhone)[21]. Xehdet ukoll li meta in segwitu ppruvat tibdel il-password tad-dħul għall-profil tagħha fuq Facebook, innotat li ma setgħetx tagħmel dan għaliex il-password kien diġa' nbidel minn xi ħadd mhux magħruf permezz ta' *email* li ntbagħat minn Facebook lill-account tagħha stess tal-*Gmail* u minħabba li ma kienetx taf il-password il-ġdid għaliex ma kellhiex aċċess għal dan l-*email* - dan ġie imħassar anke mit-trash bin tal-*Gmail* - kienet impedita milli terġa' tibdel il-password tagħha biex twaqqaf l-aċċess mill-persuna l-oħra injota.

Il-Qorti hija konvinta mix-xhieda ta' Chantelle Bugeja u mill-kumpless tal-provi li tressqu mill-Prosekuzzjoni li mhux biss kien hemm aċċess minn terza persuna għall-profil fuq Facebook ta' Chantelle Bugeja, iżda li dan l-aċċess sar mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-istess kwerelanti. Wara kollox, il-paragrafu (a) tal-Artikolu 337Ċ(2) tal-Kap. 9 jiffaċilita l-prova tan-nuqqas ta' awtorizzazzjoni meta jipprovdi li persuna titqies li taġixxi mingħajr awtorizzazzjoni jekk ma tkunx debitament awtorizzata minn persuna intitolata.

In kwantu għar-reat addebitat fl-ewwel imputazzjoni, taħt l-Artikolu 337Ċ(1)(d) tal-Kap. 9, Chantelle Bugeja xehdet kif minħabba dan l-aċċess klandestin fil-Facebook account tagħha u l-modifikazzjoni tal-password minn terza persuna injota, hija ma setgħetx timmodifika l-password għad-dħul fil-profil tagħha biex tipprova twaqqaf l-aċċess mhux awtorizzat li kien qed isir fil-profil reġsitrat f'isimha[22] u dan għaliex il-password kien diġa' inbidel minn xi ħadd u l-email li ntbagħat bil-password il-ġdid kien ġie mħassar irrimedjabbilment.

M'hijiex korretta d-difiża meta fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha tikkontendi li ma nġabet l-ebda prova li l-password tal-Facebook kien ġie mibdul. Dan jirriżulta *ictu*

---

[21] Ara dokument SF2 a fol. 48, it-tielet device fil-lista – id-device tal-kwerelanti huwa iPhone 8.

[22] Facebook URL https://www.facebook.com/chantelleborg17 : fol. 62 *tergo*.

*oculi* mid-dokument esebit minn WPC247 Sabrina Friggieri[23] li fih jidher il-*login sessions* fil-Facebook account ta' Chantelle Bugeja bl-*email*s li ntbagħtu fid-19 ta' Awwissu 2019 u fit-23 ta' Awwissu 2019 in konnessjoni mal-*password resets*. Żewġ *password resets* li Chantelle Bugeja xehdet, b'mod mhux kontradett, li ma sarux minnha tant illi meta ppruvat tidħol fl-account biex tibdel il-password, l-aċċess tagħha kien ostakolat għaliex il-password kien inbidel minn xi ħadd mhux magħruf.

Il-Qorti ma taqbilx li għall-ħtija tar-reat taħt il-paragrafu (d) tal-Artiklu 337Ċ(1) tal-Kap. 9 hi meħtieġa l-prova tal-password li ntuża biex jissostitwixxi l-password li nbidel mingħajr awtorizzazzjoni tal-persuna intitolata: il-vittma ta' reat bħal dan qajla jista' jiġi mistenni li jsir jaf il-kodiċi ta' dħul li ntuża biex jostakola d-dħul tiegħu fid-data jew software tiegħu. Fil-fehma tal-Qorti, il-klandestinita' tal-kodiċi ta' dħul li ntużat f'dan il-każ biex jipprevjeni u jostakola d-dħul tal-vittma għas-software jew data, tikkostitwixxi sewwasew il-prova tal-element materjali kostituttiv tar-reat taħt il-paragrafu (d) tal-Artikolu 337Ċ(1) tal-Kap. 9.

Il-fatt li l-aċċess mhux awtorizzat fid-data u software tal-vittma inkiseb minn persuna mhux magħruf u konsegwentement mhux awtorizzat, huwa ppruvat mix-xhieda mhux kontradetta tal-vittma li saħqet illi filwaqt li d-device tagħha li bih tidħol fil-Facebook account tagħha huwa iPhone 8 Plus, id-device l-ieħor li bih inkiseb aċċess għal dan l-account tagħha huwa iPhone differenti. Din ix-xhieda hi konfortata mid-dokument li ġie esebit minn WPC 247 Sabrina Friggieri li xehdet illi l-kwerelanti pprovditilha kopja wkoll tal-*login sessions* fil-kont tal-Facebook, liema dokument juri li oltre għal *login sessions* li saru mid-device tal-kwerelanti, sar *log-in* f'dan il-profil permezz ta' device ieħor iPhone liema device l-istess kwerelanti eskludiet fix-xhieda tagħha, li huwa dak użat minnha.

[23] Dok. SF1, fol. 47. Ix-xhud ikkonfermat li kienet Chantelle Bugeja li għadditilha dan id-dokument.

Huwa minnu li kif ġie sottomess mid-difiża[24], ma nġabitx evidenza dokumentarja li turi materjalment l-impediment tad-dħul da parti tal-kwerelanti fil-kont tagħha tal-*Gmail* (chantelleborg@gmail.com) u l-impediment ta' dħul fil-profil tagħha fuq Facebook minħabba l-bdil tal-password mingħajr awtorizzazzjoni tagħha. Huwa wkoll minnu li ma nġabitx prova materjali tat-tħassir tal-posta elettronika mibgħuta lill-imsemmi indirizz tal-posta elettronika. Iżda l-Qorti tqis li provi dokumentarji m'humiex, f'każ bħal dan, *sine qua non* tal-prova dwar l-ostakolar tal-aċċess jew dħul: f'dan il-każ ix-xhieda tal-kwerelanti baqgħet b'mod mhux kontrastata jew kontradetta u fl-atti l-Qorti ma rriskontrat xejn li tnaqqas mill-veraċita' tal-verżjoni tagħha.

Wara kollox, is-subartikolu (2) tal-Artikolu 638 tal-Kap. 9 jistipola li xhud wiehed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti biex il-każ jigi ppruvat skont il-liġi purche' ijġu applikati l-prinċipji elenkati fl-Artikolu 637 sabiex jiġi determinat jekk u safejn persuna tkun qed tixhed is-sewwa u kwindi sabiex jiġi determinat jekk il-livell probatorju meħtieġ ikun intlaħaq fil-kaz partikolari. Dan il-prinċipju gie ripetutament riaffermat fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna in materja:-

« *Jekk il-Qorti tqis li, applikati dawn il-principji, xhud ikun qieghed jixhed is-sewwa, allura tkun tista' toqgħod fuq dak li jkun qed jgħid jew fuq parti minn dak li jkun qed jgħid skont il-każ. Jispetta dejjem lil min ikun irid jiġġudika l-fatti jiddeċiedi jekk, applikati dawn il-prinċipji, jemminx xhud f'dak kollu li jkun qed jgħid jew safejn jemmen minn dak li jkun qed jgħid, u dan japplika wkoll meta x-xhud ikun xhud waħdieni tal-fatti allegati.*»[25]

Fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti, lil hinn mix-xhieda diretta tal-kwerelanti, huma bosta l-provi indizzjarji li jikkonfortaw il-verżjoni tagħha li l-ostakolar tad-dħul tagħha fil-kont tagħha fuq Facebook u fir-rigward, issir referenza għall-kontentut ta' *email* mibgħut minn Chantelle Bugeja stess in segwitu għar-rapport li għamlet ma' PC

[24] Id-difża tirreferi għal dan bħala "History of Account Changes" – fol. 214, nota ta' sottomissjonijiet.

[25] **Il-Pulizija vs Clifford Bugeja** – deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5.12.2019.

1275 Matthew Sacco (Dok. MS1), kif ukoll għad-dokument Dok. SF1[26]. Dan id-dokument tal-aħħar mhux talli juri b'mod oġġettiv li seħħet modifikazzjoni tal-password tal-profil tal-kwerelanti fuq Facebook (liema profil huwa abbinat mal-indirizz tal-*Gmail* tagħha[27]), iżda juri wkoll li din il-modifikazzjoni seħħet – kif del resto ġie wkoll stabbilit mill-provi - f'perijodu ta' ftit ġranet u ħinijiet meta l-aċċess għall-profil in kwistjoni inkiseb minn apparat li kellu *internet connection* minn IP address mhux abbinat mal-kwerelanti iżda reġistrat f'isem terzi persuni.

Stabbilit dan kollu, il-Qorti tosserva li ma tressqet l-ebda prova kuntrarja u ma riskontrat l-ebda argoment siewi li jikkonvinċuha sal-grad tal-probabbli li l-aċċess tal-kwerelanti għad-data tagħha ma kienx ostakolat. Jiġi mfakkar f'kull każ li l-liġi penali ma teħtieġx li biex persuna tiġi misjuba ħatja tkun trid tigi instawrata f'moħħ il-ġudikant, iċ-ċertezza assoluta u dan għaliex huwa rari li jiġi riskontrat dan il-livell ta' prova. Fl-ordinament ġuridiku tagħna huwa biżżejjed għas-sejbien ta' ħtija kriminali, li qorti ta' ġustizzja kriminali tkun konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni mill-provi imressqa mill-Prosekuzzjoni, u li dawn il-provi ma jkunux ġew newtralizzati mid-difiża fuq bażi ta' probabbilta`.

Magħdud dan kollu, il-Qorti tqis li r-reat taħt il-paragrafu (d) tal-istess Artikolu 337Ċ(1) jinsab ippruvat fl-elementi kollha tiegħu għaliex permezz tal-modifikazzjoni tal-password tal-profil ta' Facebook tal-kwerelanti mingħajr l-awtorizzazzjoni tagħha, l-istess kwerelanti – kif del resto kkonfermat fix-xhieda tagħha - kienet impedita milli tidħol fid-data tagħha ossia l-profil tagħha fuq Facebook u li dan l-aċċess da parti tagħha kien ostakolat.

Ikkunsidrat;

[26] Dok. SF1, fol. 47. Ara wkoll fol. 65.

[27] Dan jirriżulta mill-istess dokument SF1.

Illi l-istess provi u konsiderazzjonijiet jgħoddu ugwalment għar-reat taħt l-Artikolu 337Ċ(1)(i) tal-Kap. 9: mill-provi li ressqet il-Prosekuzzjoni jirriżulta inkonfutabbilment l-element tal-aċċess mingħajr awtorizzazzjoni fis-sistema tal-informatika tal-kwerelanti ossia l-profil tagħha tal-Facebook, bl-użu ta' xi mezz ta' dħul f'din is-sistema tal-informatika, speċifikatament permezz tal-użu tal-indirizz tal-posta elettronika tagħha fejn kif rajna, xi ħadd bagħat *email* lil chantelleborg@gmail.com biex jibdel il-password għall-aċċess fil-profil tal-kwerelanti fuq Facebook.

Il-Qorti temmen il-verżjoni ta' Chantelle Bugeja li xi ħadd daħal fil-profil tagħha fuq Facebook u daħal fil-*Gmail* account tagħha fejn ħassar l-*email*s li ntbagħtu bil-password il-ġdid li nħoloq ad insaputa tagħha u fuq kollox, temmen li dan l-aċċess minn terza persuna jew persuni sar mingħajr l-awtorizzazzjoni tagħha.

Kif rajna diġa', il-paragrafu (a) tal-Artikolu 337Ċ(2) tal-Kap. 9 jipprovdi li persuna titqies li taġixxi mingħajr awtorizzazzjoni jekk ma tkunx debitament awtorizzata minn persuna intitolata u f'dan il-każ hu evidenti li Chantelle Bugeja, bħala l-persuna intitolata għall-kontroll tal-aċċess għas-sistema tal-informatika u data konsistenti fil-profil https://www.facebook.com/chantelleborg17 u għall-indirizz tal-posta elettronika, ma awtorizzatx il-bdil tal-password tagħha tant illi kienet impedita milli terġa' tibdlu proprju għaliex ma kienetx taf x'kien il-password il-ġdid li sostitwixxa dak li kienet tuża qabel biex tikseb aċċess lil din is-sistema ta' informatika.

F'kull każ, issib riskontru wkoll il-presunzjoni maħsuba fl-Artikolu 337F(6) tal-Kap. 9 li jipprovdi:-

*(6) Il-prosekuzzjoni ma tkunx meħtieġa li ġġib provi biex twaqqa' l-effett ta' xi awtorizzazzjoni meħtieġa taħt dan is-Subtitolu u l-oneru li tinġieb prova dwar awtorizzazzjoni bħal dik ikun jinkombi fuq il-persuna li tkun qed tallega li għandha dik l-awtorizzazzjoni: Iżda dan l-oneru ma għandux jitqies bħala li jkun tneħħa biss bix-xiehda mhux korroborata tal-persuna akkużata.*

L-imputat ma għamel xejn biex iwaqqa' l-effett ta' din il-presunzjoni u, bħalma kellu kull dritt jagħmel, la xehed u lanqas ressaq xhieda biex tiġi negata l-prova li rnexxielha tressaq il-Prosekuzzjoni illi l-aċċess għad-data u sistema tal-informatika kontrollata mill-kwerelanti fil-perijodu ta' żmien indikat fiċ-Ċitazzjoni, inkiseb mingħajr awtorizzazzjoni b'xi mezz ta' dħul.

Il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax illi l-ispekulazzjoni li għamlet id-difiża fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha li ma tressqitx prova li l-imputat għamel użu ta' password teżisti l-possibbilita' li Chantelle Bugeja nesiet toħroġ mill-kont tagħha meta tat it-telefon ċellulari tagħha lil uliedha (liema telefon spiċċa *ex admissis* f'idejn l-imputat), baqgħet biss spekolazzjoni għaliex il-parti leża qatt ma ġiet konfrontata b'din l-ipoteżi in kontro-eżami u l-imputat, għalkemm fl-istqarrija tiegħu qal li huwa ħa t-telefon mingħand uliedu, ma żied xejn iktar fir-rigward.

Il-Qorti tosserva wkoll illi mill-provi jirriżulta wkoll li l-aċċess mhux awtorizzat għad-data tal-kwerelanti imur lil hinn mis-sempliċi qari jew skrutinju ta' data għaliex kien hemm evidentement f'dan il-każ, interazzjoni mal-*computer data* tal-kwerelanti fejn min kiseb id-dħul mhux awtorizzat, ġiegħel lill-*computer* biex iwettaq funzjoni: funzjoni li f'dan il-każ kien jikkonsisti fit-tibdil ta' kodiċi ta' dħul fis-sistema tal-informatika tal-kwerelanti fuq Facebook. Il-fatt li din il-modifikazzjoni seta' kellha biss effetti limitati fiż-żmien u seta' ma kienetx, jew ma kienetx maħsuba li tkun, waħda permanenti, hu irrelevanti u dan in vista ta' dak li jipprovdi l-paragrafu (a) tal-Artikolu 337Ċ(3) tal-Kap. 9[28].

Ikkunsidrat;

Stabbilit illi jikkonkorru l-elementi kollha kostituttivi taż-żewġ reati addebitati lill-imputat fiċ-Ċitazzjoni, jeħtieġ issa li jiġi stabbilit jekk il-Prosekuzzjoni ressqitx provi

---

[28] (3)(a): *persuna titqies li tkun għamlet reat irrispettivament jekk, fil-każ ta' xi modifikazzjoni, dik il-modifikazzjoni tkunx maħsuba li tkun waħda permanenti jew temporanja.*

fil-grad meħtieġ għas-sejbien ta' ħtija fil-kamp kriminali, li dawn ir-reati ġew kommessi minn ħadd iktar ħlief l-imputat. Għalhekk, irid jiġi stabbilit li kien l-imputat li b'xi mod uża mezz ta' dħul biex kiseb l-aċċess mhux awtorizzat għas-sistema tal-informatika tal-kwerelanti u illi kien hu wkoll li ostakola d-dħul tagħha għad-data tagħha stess.

Il-Prosekuzzjoni ressqet prova konsistenti fid-dokument intestat Facebook Business Record[29] li fih id-data u l-ħin u l-IP address tal-*login sessions* li saru fil-profil https://www.facebook.com/chantelleborg17 għall-perijodu 17 ta' Awwissu 2019 sat-23 ta' Awwissu 2019. Minn eżami ta' dan id-dokument, sostanzjat bix-xhieda ta' PC1275 Matthew Sacco, jirriżulta illi bejn it-18 ta' Awwissu 2019 u t-23 ta' Awwissu 2019 – iż-żewġ dati li fihom jirriżulta li sar *password reset* tal-Facebook account tal-kwerelanti mingħajr il-konoxxenza u awtorizzazzjoni tagħha – inkiseb aċċess għall-imsemmi profil ta' Facebook permezz ta' żewġ IP addresses partikolari: wieħed minnhom reġistrat ma' Melita Limited f'isem l-imputat innifsu, Antoine Bugeja bil-karta tal-identita' numru 196182M, u l-ieħor reġistrat ukoll ma' Melita Limited f'isem Darren Grech fir-residenza 16, Sapphire Court, Triq San Frangisk, San Pawl il-Baħar[30].

Kif diġa' ngħad, Chantelle Bugeja xehdet illi fl-20 ta' Awwissu 2019 innotat li xi ħadd mhux magħruf kien qralha l-messaġġi fuq Facebook messenger u mill-provi jirriżulta li fid-19 ta' Awwissu 2019 seħħet modifikazzjoni mhux awtorizzata permezz tal-użu tal-indirizz tal-posta elettronika tagħha, tal-password tal-profil tagħha fuq Facebook, bħalma reġa' ġara wkoll fit-23 ta' Awwissu 2019[31]. Imbagħad, id-dokument *Facebook Business Record* juri li f'dak l-istess perijodu, ċioe' fit-18 ta' Awwissu 2019 u fit-23 ta' Awwissu 2019 seħħ *log in session* fil-profil tal-Facebook

---

[29] Fol. 84 sa 87. PC 1275 Matthew Sacco ikkonferma li kien hu li għamel talba li Facebook biex tipprovdi l-informazzjoni rikjesta dwar id-data u l-ħin tal-login sessions li saru fuq il-profil tal-Facebook https://www.facebook.com/chantelleborg17 u kkonferma wkoll li r-risposta bit-tagħrif relattiv (fol. 83 sa 87) intbagħtet direttament lilu personalment inn Facebook.

[30] Ir-reġistrazzjoni ta' l-IP address 213.217.192.42 f'isem l-imputat u l-IP address 141.8.27.195 f'isem Darren Grech, ġiet konfermata minn Dr. Emily Abela in rappreżentanza tal-internet service provider Melita Limited.

[31] Dok. SF1.

ta' Chantelle Bugeja mill-IP address 213.217.192.42 li huwa ppruvat li hu reġistrat f'isem l-imputat innifsu, kif del resto ġie affermat mix-xhieda tar-rappreżentant tas-*service provider* relattiv.

Kif inhuwa risaput, IP address huwa indirizz diġitali uniku li jiġi assenjat mill-*internet service provider* lill-apparat tal-abbonat li jkollu *internet connection* u dan sabiex l-apparat ikun aċċessibbli għall-internet. Dan l-indirizz jipprovdi wkoll il-*geolocation data* li jeħtieġ biex id-data relevanti titwassal lil dak l-apparat. **Għalhekk, fin-nuqqas ta' xi prova kuntrarja fl-atti li l-IP address 213.217.192.42 intuża minn xi ħaddieħor li mhux l-imputat, il-Qorti, ma tistax ħlief leġittimament tislet minn dan, presunzjoni ta' fatt li kien effettivament l-imputat Antoine Bugeja u ħadd iktar li kiseb aċċess għall-profil tal-Facebook tal-istess kwerelanti**.

Din il-konklużjoni l-Qorti tasal għaliha wkoll wara li qieset din il-prova fl-isfond tax-xhieda ta' Chantelle Bugeja li fissret illi fit-23 ta' Awwissu 2019 u fil-ġranet ta' wara, ċioe' in segwitu għall-aċċess mhux awtorizzat fil-profil tagħha fuq Facebook u l-bdil tal-passwords tagħha, l-imputat ikkonfrontaha b'data u *chats* li kienu jinsabu fil-profil tagħha fuq Facebook u ma setax isir jafhom ħlief jekk kellu aċċess għal dan il-profil. Hija xehdet ukoll li l-imputat heddidha li "*ħa joħroġ ic-chats kollha privat u personali tiegħi li ma kellu l-ebda aċċess għalihom u l-ebda dritt għalihom* ..." jekk mhux ser tħallsu dak li kien qed jitlob mingħandha biex jaslu għal ftehim bonarju dwar is-separazzjoni personali tagħhom.

Chantelle Bugeja xehdet ukoll li fil-ġimgħa wara t-23 ta' Awwissu 2019, ċemplitilha ħabiba tagħha Elena Cassar Curmi u qaltilha li l-imputat kien ċempel lil ħuha u qallu b'dak kollu li kien qara fil-messaġġi tagħha. Il-Qorti tosserva illi din ix-xhieda tinsab korroborata mill-istess Elena Curmi Cassar li quddiem il-Qorti xehdet illi fis-sajf tas-sena 2019 kienet taf li Chantelle Bugeja kienet għaddejja minn perijodu diffiċli fiż-żwieġ tagħha mal-imputat u kienet qaltilha dwar l-episodju fejn Antoine Bugeja kien irnexxielu jikseb aċċess għall-mobile tagħha. Ikkonfermat illi ħuha William li huwa ħabib ħafna mal-imputat, kien ċemplilha biex jgħidilha li l-imputat kien urielu

messaġġi li kienet bagħtet hija stess lil Chantelle fuq Facebook, fejn tatha kuntatti ta' avukat u perit, u qalilha biex ma tindaħalx fl-affarijiet ta' ħaddieħor.

Il-verżjoni tax-xhud Elena Cassar Curmi baqgħet konsistenti u kredibbli anke meta hija ġiet konfrontata bix-xhieda kuntrastanti ta' ħuha William Cassar Curmi: waqt il-konfront li l-Qorti ordnat li jsir in segwitu għat-taħwid evidenti fix-xhieda ta' William Cassar Curmi, Elena Cassar Curmi affermat illi ħuha kien semmilha li Antoine Bugeja kellmu dwar *chat* li hemm bejnha u bejn Chantelle fejn kienet bagħtitilha isem ta' perit biex tgħinha waqt is-separazzjoni. Ix-xhud insistiet u ċaħdet il-verżjoni ta' ħuha li kienet hi li qaltlu li kienet bagħtet dawn il-messaġġi b'ismijiet ta' perit jew avukat lil Chantelle.

Għalkemm huwa minnu li x-xhieda ta' Elena Cassar Curmi tikkostitwixxi xhieda fuq kliem ħaddieħor, din ix-xhieda hija relevanti u pertinenti fejn tafferma illi effettivament, l-imputat kien qal lil ħuha William Cassar Curmi li kien ra messaġġi skambjati bejnha u Chantelle Bugeja in konnessjoni mas-separazzjoni personali tiegħu. Dan qed jingħad għaliex William Cassar Curmi effettivament ġie prodott biex jixhed quddiem il-Qorti u fost it-taħwid manifest fix-xhieda tiegħu fejn tispikka b'mod evidenti r-retiċenza tiegħu li jammetti li l-imputat kien qallu b'messaġġi li ma setax sar jaf bihom ħlief jekk kellu aċċess għad-data ta' martu, huwa kien finalment afferma li l-imputat kien qallu li oħtu Elena bagħtet messaġġ bin-numru tat-telefon ta' xi perit lil Chantelle.

Dan kollu jkompli jikkonforta ulterjorment il-kredibbilita' tal-verżjoni ta' Chantelle Bugeja li l-imputat kien jaf bil-kontentut ta' *chats* bejnha u bejn Elena Curmi Cassar fejn ġie diskuss tagħrif konness mas-separazzjoni personali tagħha mal-imputat u jkompli jikkonvinċi lill-Qorti li ma kien ħadd ħlief l-imputat li kiseb l-aċċess mhux awtorizzat għas-sistema ta' informatika ta' martu permezz tal-użu tal-indirizz tal-posta elettronika tagħha u ostakolalha l-aċċess għad-data tagħha.

Magħdud dan kollu l-fatt illi fid-19 ta' Awwissu 2019 bejn 21:38h u 04:56h, saru mhux inqas minn seba' *log-in sessions* fil-profil tal-Facebook ta' Chantelle Bugeja minn apparat li kiseb aċċess għall-internet mill-IP address reġistrat f'isem Darren Grech ġewwa indirizz ix-Xemxija. Ix-xhieda ta' Darren Grech, riprodotta fis-sostanza iktar qabel, torbot lill-imputat ineżorabbilment mal-aċċess mhux awtorizzat fis-sistema tal-informatika tal-kwerelanti fuq il-profil tagħha fuq Facebook li sar fid-19 ta' Awwissu 2019 fil-għaxija meta kif ġie stabbilit, il-password tal-Facebook tagħha inbidel mingħajr awtorizzazzjoni għall-ħabta tal-23:30h. Mix-xhieda mhux kontradetta ta' Darren Grech, huwa stabbilit li f'żewġ okkażżjonijiet fil-għaxija, l-imputat kien flimkien mal-istess Darren Carabott fejn qatta' diversi sigħat fl-indirizz fejn jinsab reġistrat f'ismu l-IP address li minnu inkiseb aċċess għall-profil tal-Facebook tal-kwerelanti. Darren Grech ikkonferma illi l-imputat dak il-ħin kellu l-mobile f'idejh u kien qed jużah u jista' jkun li kien talbu l-password tal-internet connection biex jaqbad bil-mobile u jekk talabulu huwa jkun tahulu. Mill-Facebook Business Record esebit in atti, jirriżulta li l-aħħar żewġ *log-in sessions* li saru mill-IP address ta' Darren Grech fil-profil fuq Facebook tal-kwerelanti, saru fil-ħin tal-22:56h tas-19 ta' Awwissu 2019 u fl-04:56h tal-20 ta' Awwissu 2019.

**Ma ntweriex li jeżisti xi ness ieħor – għajr għall-imputat - bejn Chantelle Borg u Darren Grech u l-Qorti, fil-ġabra ta' dawn il-provi indizzjarji kollha li jippontaw b'mod univoku lejn l-imputat u fl-isfond tal-fatt li l-imputat effettivament ammetta li kellu fil-pussess tiegħu telefon ċellulari ta' martu, hija moralment konvinta li kien l-istess Antoine Bugeja, u ħadd iktar, li wettaq l-aċċess mhux awtorizzat b'xi mezz ta' dħul fis-sistema tal-informatika tal-kwerelant u li ostakola d-dħul tagħha għad-data u software tagħha**.

In konklużjoni, u kuntrarjament għal dak li ġie sottomess mid-difiża fin-nota tagħha, mhux meħtieġ biex tinstab ħtija għar-reat ta' użu ħażin ta' *computer* illi ssir il-prova li l-imputat effettivament **għamel użu** mill-informazzjoni jew materjal li kiseb aċċess għaliha mingħajr awtorizzazzjoni. Kif rajna, l-użu li jeħtieġ jiġi ppruvat hu l-użu mhux kif dovut tal-*computer,* manifestat fl-aċċess mingħajr awtorizzazzjoni għal data

jew sistema ta' informatika. Mhux meħtieġ li jintwera permezz ta' provi dokumentarji jew xort'oħra, liema materjal jew data speċifiċi inkiseb aċċess għalihom mingħajr awtorizzazzjoni u li dawn kienu effettivament "*f'idejn*" l-imputat kif ġie sottomess mid-difiża. L-imputat f'dan il-każ mhux qed jiġi mixli bir-reat taħt il-paragrafu (f) tal-Artikolu 337Ċ(1) tal-Kap. 9, ċioe' li ħa pussess ta' xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appoġġ jew li għamel użu minnhom u fi kwalsiasi każ, f'każ bħal dak, il-liġi nnifisha toħloq presunzjoni ta' fatt li l-imputat kien fil-pussess tad-data f'kull każ fejn ikollu fil-kustodja jew taħt il-kontroll tiegħu xi data jew computer software li ma jkunx awtorizzat li jkollu[32].

Dan kollu magħdud iservi biex jissottolineja li effettivament, il-qofol tal-kondotta kriminuża li hija punibbli taħt l-Artikolu 337Ċ tal-Kap. 9 jinsab fin-nuqqas ta' awtorizzazzjoni mill-persuna intitolata, tal-użu, aċċess u l-attijiet l-oħrajn li huma l-elementi materjali tar-reati elenkati fil-paragrafi (a) sa (l) tal-istess Artikolu 337Ċ(1).

Ikkunsidrat;

Għall-finijiet tal-piena, il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-fatt illi l-imputat għandu fedina penali kompletament netta iżda ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt illi jirriżulta li r-reati ġew kommessi mill-imputat bi skop li jikseb vantaġġ mhux xieraq fis-separazzjoni personali bejn il-partijiet a skapitu ta' martu u għalhekk, il-piena għandha tirrifletti dan il-fattur. Madanakollu, fl-istess waqt, ma jikkonkorrux ir-rekwiżiti tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 337F tal-Kap. 9 u konsegwentement, il-Qorti serja tapplika l-piena skont il-parametri stabbiliti fis-subartikolu (1) tal-istess Artikolu 337F. Ħadet qies ukoll tal-fatt illi f'dan il-każ isibu riskontru wkoll id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 stante illi r-reat taħt l-Artikolu 337Ċ(1)(i) twettaq evidentement bħala mezz għall-fini tal-kommissjoni tar-reat taħt l-Artikolu 337Ċ(1)(d) u kwindi għandha tingħata piena għal wieħed biss mir-reati.

[32] Artikolu 337Ċ(4) tal-Kap. 9.

**Għal dawn il-motivi, wara li rat l-Artikoli 17, 337Ċ(1)(d)(i) u 337F(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lil ANTOINE BUGEJA ħati taż-żewġ imputazzjonijiet u tikkundannah multa ta' elfejn Euro (€2,000).**

**Billi ma ġie maħtur l-ebda espert jew perit fil-proċeduri, tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba magħmula mill-Prosekuzzjoni taħt l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**